

# Il-Fratellanzi fil-Parroċċa tal-Mosta

JOSEPH BORG

Il-bidu ta' l-ewwel fratellanzi f'pajjiżna jmur lura lejn is-sekli erbatax u ħmistax. Hemm storiċi li jgħidu li l-ewwel fratellanza kienet dik ta' San Ġużepp tar-Rabat ta' l-Imdina li twaqqfet fl-1345. Hemm oħrajn li jgħidu li l-ewwel fratellanza ddokumentata kienet dik ta' Santa Marija (tal-Lunzjata) tal-Birgu mwaqqfa fl-1445. L-għan ta' dawn il-fratellanzi u xirkiet li twaqqfu b'pass imgħaġġel fil-knejjes kollha tal-gżejjer tagħna kien kemm devozzjonali kif ukoll soċjali.



*Dehra ta' l-aħħar purċissjoni "Tat-Terza" ta' nhar Santa Marija. Il-Ħadd, 15 ta' Awissu 1965*

## Il-Fratellanza tas-Sagrament

Insibu li fil-Mosta twaqqfu fis-sekli sbatax, tmintax u dsatax, sitt fratellanzi li l-ewwel waħda fosthom kienet dik tas-Sagrament. Din żgur li kienet twaqqfet hekk kif il-Mosta saret parroċċa għaliha fl-1608. Fiż-żjara wisq importanti li kien għamel f'Malta d-Delegat Appostoliku Mons. Pietru Duzina fl-1575, insibu li dan id-Delegat kien insista sabiex f'kull parroċċa titwaqqaf din il-fratellanza li l-membri tagħha stess kellhom jagħmlu ħilithom biex ikabbru l-qima u d-devozzjoni lejn l-Ewkaristija, wara li sab li anki f'Malta kienu daħlu ċerti abbużi. Ma setax jonqos għalhekk li l-Mostin immexxijin mill-ewwel kappillan tagħhom, Dun Ġwann Bezzina, ma jwaqqfux huma wkoll fil-parroċċa ġdida tagħhom il-Fratellanza tas-Sagrament. Hekk kien sar f'parroċċi oħra li kienu twaqqfu qabel il-parroċċa tagħna.

Fost ħwejjeġ oħra, l-imseħbin f'din il-fratellanza kellhom jaraw li Ġesù Sagramentat ikun meqjum kif jixraq fit-tabernaklu b'lampier jixgħel lejl u nhar quddiemu. Kellhom jaraw li l-vjatku mqaddes lill-morda jkun organizzat aħjar. Kellhom ukoll f'kull tielet Ħadd tax-xahar jieħdu sehem fil-quddiesa u fil-purċissjoni bis-Sagrament li kienet issir madwar il-knisja. Din kienu jgħidulha tat-'Terza' u sas-sittinijiet tas-seklu li għadda kienet għadha ssir fil-parroċċa tagħna.

## Il-Fratellanza tar-Rużarju

Kienu d-Dumnikani li lejn it-tieni nofs tas-seklu sittax taw spinta kbira 'l quddiem bid-devozzjoni tar-Rużarju Mqaddes. Kien għalhekk li fil-parroċċi tagħna bdew jitwaqqfu, waħda wara l-oħra, il-fratellanzi 'tar-Rużarju', bil-ħsieb li l-imseħbin jgħidu iżjed ir-Rużarju.

Fil-parroċċa tal-Mosta, il-Konfraternità tar-Rużarju twaqqfet nhar il-11 ta' Frar 1612. Fl-1615 kellha l-kappella tagħha u sa tliet snin wara kellha diġà tletin fratell. Il-Fratellanza kienet tagħmel il-festa tar-Rużarju fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru b'purċissjoni u din kienet terġa' issir fl-ewwel Ħadd ta' Mejju, festa tal-Madonna tal-Ward. L-istatwa tal-Madonna tar-Rużurju li għandna, xogħol barokk fl-injam ta' artist mhux magħruf, tmur lura lejn tmiem is-seklu sbatax jew il-bidu tas-seklu tmintax, meta fil-purċissjonijiet tar-Rużarju bdiet toħroġ ukoll il-vara. Ta' min jgħid ukoll li qabel il-festa ta' Ottubru kienet issir ukoll id-devozzjoni tal-ħmistax-il Sibt li kienu jiġu qabel.

## Il-Fratellanza taċ-Ċintura

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Konsolazzjoni jew taċ-Ċintura kellha bidu fi ħdan l-Ordni Agostinjan u għalhekk l-ewwel konfraternitajiet f'ġieħ il-Madonna taħt dan it-titlu kont issibhom biss fil-knejjes Agostinjani li kien hawn fostna għall-ħabta ta' l-aħħar tas-seklu sbatax. Mill-knejjes Agostinjani, din id-devozzjoni xterdet permezz tal-fratellanzi fi tnax-il parroċċa f'Malta u waħda f'Għawdex tul is-seklu tmintax; fosthom kien hemm il-parroċċa tal-Mosta.



*L-istandart vjola tal-Fratellenza tal-Madonna taċ-Ċintura, b'arazz mill-isbaħ fil-medaljun tan-nofs.*

Dik tal-Mosta twaqqfet mill-Ġeneral ta' l-Agostinjani, Patri Tumas Cervioni, b'digriet ta' l-1 ta' Diċembru 1721 u kienet saħansitra ġiet aggregata ma' l-Arċikonfraternità taċ-Ċintura ta' Bolonja.



Twaqqfet fuq l-artal li kien oriġinarjament iddedikat lil Sant' Anna. Qabel it-twaqqif tal-Fratellanza tbiddel il-kwadru ta' Sant' Anna ma' dak li għadna ngawduh sal-lum ġewwa r-Rotunda li huwa xogħol mill-isbaħ tal-pittur magħruf Malti Stefano Erardi (1630-1716). Wisq probabbli li Erardi ta importanza lil Sant' Anna fil-kwadru tiegħu b'tifkira tal-kwadru l-qadim f'ġieħ din il-qaddisa li kellha artal fil-knisja parrokkjali l-qadima li kellna. Il-purċissjoni bl-istatwa (l-istess waħda tar-Rużarju) kienet issir fl-ewwel Ħadd fuq it-28 ta' Awissu, festa ta' Santu Wistin.



L-istandart ikħal tal-Fratellanza ta' San Ġużepp magħruf għas-sbuħija tiegħu.

## Il-Fratellanza ta' San Ġużepp

Fiż-zjara pastorali li l-Isqof Cagliares għamel fil-parroċċa tal-Mosta fl-1680, insibu li fost l-artali li kellha l-knisja parrokkjali l-qadima kien hemm dak ta' San Ġużepp imwaqqaf minn Ġorġ Galea. Dwar dan l-artal insibu wkoll li wara l-viżta pastorali li l-Isqof Fra Luqa Buenos kien għamel nhar it-18 ta' Mejju 1668, inkiteb li sa l-1666, il-kwadru ta' dan l-artal kien għadu jissejjaħ 'Santa Marija ta' l-Eġittu'. Imma minn dik il-viżta 'l quddiem beda jissejjaħ sempliċiment 'ta' San Ġużepp'. Fiż-żjara pastorali li l-Isqof Labini għamel fis-16 ta' Mejju 1794 tniżżel tagħrif dwar il-ħidmiet differenti li kellhom il-qassisin tal-Mosta flimkien ma' xi prokuraturi lajċi ta' dak iż-żmien. Fost dawn jissemmew Tumas Chetcuti u Ġamri Chetcuti bħala l-prokuraturi tal-Fratellanza ta' San Ġużepp. Ma nafux eżatt meta twaqqfet din il-fratellanza, imma minn hawn nistgħu nikkonkludu li kienet diġà teżisti fl-1794.

Meta nbniet ir-Rotunda, waħda mill-kappelli ġiet iddedikata lil San Ġużepp. Fl-1870, il-Papa Piju IX iddikjara lil San Ġużepp Patrun Universali tal-Knisja. Minn hawn 'il quddiem, id-devozzjoni lejn l-Għarus tal-Verġni Marija xegħlet u xterdet mad-dinja Kattolika kollha. Malta ma baqgħetx lura. Fost ħwejjeġ oħra, il-Fratellanzi ta' San Ġużepp li kien għad m'għandhomx statwa tal-qaddis raw li kull waħda minnhom ikollha waħda.

Il-fratellanza tal-Mosta ordnat l-istatwa proċessjonali tagħha għand il-fabbrika Franċiża ta' 'Galard et Fils' ta' Marsija. Din saret fl-1889 u bdiet toħroġ fil-purċissjoni li kienet issir fl-okkażjoni tal-festa tal-patroċinju ta' San Ġużepp fit-tielet Ħadd fuq l-Għid.

## Il-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù

L-appostlu tad-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù kien il-Franċiż San Ġwann Eudes li beda jqajjem din id-devozzjoni fl-1670. Wara d-dehriet li kellha s-soru Franċiża Santa Margerita Marija Alacoque ġewwa Paray-le-Monial fl-1675, din id-devozzjoni kompliet tikber u tinxtered mal-Knisja l-aktar permezz tal-Ġiżwita, Franċiż ukoll, San Klawdju de La Colombiere u l-Kumpanija ta' Ġesù. Fl-1765 il-Papa Klement XIII ta l-permess biex tibda ssir il-festa tal-Qalb ta' Ġesù u fl-1856 il-Papa Piju IX għamilha festa għall-Knisja universali.

Ma nafux eżatt meta din id-devozzjoni daħlet f'pajjiżna. Jidher, li l-ewwel ftit xbihat li għad għandna tal-Qalb ta' Ġesù bdew jidhru fostna matul is-seklu tmintax. Huwa ċar li lejn l-aħħar tas-seklu tmintax, id-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù kienet ġa daħlet fil-parroċċa tal-Mosta. Dan nafuh għax wara l-viżta pastorali li l-Isqof Vincenzo Labini kien għamel fl-1794, insibu li Tumas Dimech u Salvu Dingli kienu l-prokuraturi tal-Fratellanza tal-Qalb ta' Ġesù u anki għall-Adorazzjoni Perpetwa. Tifkira wkoll ta' din id-devozzjoni għad għandna il-kwadru ovali tal-Qalb ta' Ġesù, kopja ta' dak tal-pittur Ruman Pompeo Batoni, li wieħed għadu jista' jarah fis-sagristija fuq in-niċċa tal-Vara l-Kbira. Interessanti wkoll il-pittura ċkejkna tal-Qalb ta' Ġesù li hemm fuq il-bieba tat-tabernaklu ta' l-artal tal-kor li hi x'aktarx xogħol ta' Rokku Buhagiar, pittur tas-seklu tmintax u allura torbotna maż-żmien li fih daħlet fil-Mosta d-devozzjoni lejn il-Qalb ta' Ġesù. Fil-purċissjonijiet tal-parroċċa din timxi l-ħames waħda fil-preċedenza mill-aħħar, għax kienet l-aħħar waħda mill-fratellanzi li twaqqfu fil-knisja parrokkjali l-qadima.

## Il-Fratellanza tad-Duluri

Il-Fratellanza tad-Duluri fil-Mosta, kienet tagħmel il-festa ta' l-Addolorata fl-ewwel Ħadd fuq il-15 ta' Settembru, il-festa liturġika lid-Duluri mwaqqfa mill-Papa Piju VII fl-1814. Qabel din il-festa, lid-Duluri kienet issirilha oħra wkoll, fil-ġimgħa ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira, li kienet iżjed antika għax kienet twaqqfet għall-Knisja universali mill-Papa Benedittu XIII fl-1725. Hawn Malta l-ewwel Fratellanza tad-Duluri, kienet teżisti snin qabel ma kienet twaqqfet din il-festa li semmejna l-aħħar, għax l-ewwel Konfraternità tad-Duluri twaqqfet f'Ħal Għaxaq fl-



*1684.*

*Insibu li fil-Mosta kien hawn ċerta devozzjoni lejn l-Addolorata sa mis-seklu tmintax, imma l-fratellanza kien għadha 'l bogħod biex titwaqqaf għaliex tul l-ewwel nofs tas-seklu dsatax il-poplu Mosti kien mehdi biss, tista' tgħid, bit-twaqqif tar-Rotunda. Għalhekk il-Fratellanza tad-Duluri, l-aħħar waħda fost il-fratellanzi Mostin, twaqqfet fir-Rotunda fl-1886. Il-Fratellanza dritt ħasbet għal statwa proċessjonali, u skond kif dejjem ingħad, kien tqabbat l-iskultur Mosti Mastru Salvatore Dimech biex jagħmel statwa ta' l-injam. Ġara, imma, li kif il-fratelli u l-prokuratur kienu raw l-istatwa ta' San Ġużepp li l-fratellanza tiegħu kienet ġabet minn Marsilja, tħajru jġibu wkoll waħda minn hemm u hekk twarrbet dik ta' Dimech, opra fl-injam li għadna nistgħu narawha fl-Oratorju Qalb ta' Ġesù. L-istatwa wisq sabiħa tal-kartapesta li għandna hija xogħol ukoll ta' 'Galard et Fils' ta' Marsilja u aħna nsibuha bħala d-Duluri ta' Settembru.*

### *Ħmistax il-purċissjoni*

*Il-fratellanzi msemmija kienu jieħdu sehem sħiħ fil-ħafna purċissjonijiet li kienu jsiru barra u ġewwa l-knisja arċipretali tagħna. Dawk li kienu jsiru ġewwa l-knisja kienu jorganizzawhom il-Fratellanzi tas-Sagrament, tar-Rużarju, taċ-Ċintura u tad-Duluri. Tas-Sagrament kienu jieħdu sehem kull tielet Ħadd tax-xahar ('tat-Terza'). Tar-Rużarju kienu jagħmlu waħda kull l-ewwel Ħadd tax-xahar ('tal-Prima'), filwaqt li dawk taċ-Ċintura kienu jagħmlu l-purċissjoni tagħhom fir-raba' Ħadd ('tal-Quarta'). Dawk tad-Duluri kienu jagħmlu ġewwa sitta biss. Hawn qegħdin nitkellmu mill-fratellanzi Mostin ta' sittin/sebgħin sena ilu u iżjed ukoll.*

*Insemmu hawn il-purċissjonijiet li kienu joħorġu barra u li kienu jieħdu sehem fihom is-sitt fratellanzi. Dawn kienu ħmistax, barra l-Ġimgħa l-Kbira. Sebgħa minnhom kienu purċissjonijiet ewkaristiċi, u kienu jinkludu t-tnejn ta' nhar Corpus u dawk tal-Ħadd u tal-Ħamis ta' l-Ottava ta' Corpus, tal-Qalb ta' Ġesù, tat-Tre Re u 'tat-Terza' meta kienet taħbat nhar Santa Marija. It-tmienja l-oħra kienu dawk ta' Santa Marija, tar-Rużarju, tal-Ward, taċ-Ċintura, tad-Duluri, tas-Salib, ta' San Ġużepp u ta' San Paċifiku. Għal xi żmien dik tal-Ward inbidlet f'dik ta' Marija Reġina. Kull fratellanza kien ikollha madwar ħmistax-il żewġ fratell u wara kull purċissjoni kienu jimxu għadd ta' nies sewwa jitolbu, drawwa qaddisa li baqgħet, għalkemm b'nies inqas, fil-ftit purċissjonijiet li għadhom joħorġu barra.*

### *Prokuraturi u standarti*

*L-isbaħ u l-aqwa żmien fl-istorja tal-fratellanzi fil-Mosta laħaq l-quċċata tiegħu fl-ewwel kwart tas-seklu għoxrin, li għadu kemm għadda. F'dak il-perjodu l-fratellanzi kienu jieħdu ħsiebhom prokuratori qassisin mill-iktar żelanti. Kien bil-ħidma tagħhom li l-knisja monumentali tagħna tista' tiftaħar b'sett slaleb tal-fratellanzi tassew sbieħ u b'lanterni tal-fidda fil-każ ta' erbgħa minnhom imma fuq kollox b'sett ta' standardi primi mill-aqwa li hawn.*

*Insemmuhom u nibdew b'dak tas-Sagrament u l-bandiera tal-Vjatku. Dawn saru mill-prokuratur ħabrieki Dun Anġ Camilleri għall-ħabta ta' l-1900 fil-Fabbrika 'Fanfani' f'Ruma fuq id-disinn tas-Sur Rafel Caruana Dingli. Xi ftit eqdem huwa dak tar-Rużarju li sar fi żmien il-prokuratur Dun Ġwann Muscat. Għall-ħabta tal-1900 saru wkoll l-istandarti tad-Duluri fi żmien il-prokuratur Dun Karm Camilleri u l-ieħor tal-Qalb ta' Ġesù b'tifsila wisq sabiħa fi żmien il-prokuratur Dun Baskal Chetcuti u jingħad li kienet ħadmitu waħda soru Taljana. L-istandart wisq imponenti u kollu rakkmu mill-isbaħ ta' San Ġużepp sar mill-prokuratur Dun Ġużepp Borg għall-ħabta ta' l-1914. Taċ-Ċintura huwa msemmi għall-arazz ta' preġju li għandu fuqu kif ukoll għall-kulur vjola tiegħu; dan sar fl-1925 fi żmien il-prokuratur Dun Karm Gauci u jingħad li nħadem fi Vjenna. Illum dawn l-istandarti m'għadhomx joħorġu minħabba l-ħsara rreparabbli li ġratilhom tul is-snin. Biżżejjed niftakru li kienu joħorġuhom seba' darbiet fis-sena. Narawhom biss armati fil-knisja fl-okkażjoni wisq għażiża tal-festa titutlari ta' Santa Marija.*

*Il-fratellanzi huma wirt ieħor għażiż minn dak li ħallewlna missirijietna. Illum tista' tgħid li qishom bħal ġamar li għadu jaqbad imma li qed jintefa' u li darba kien jagħmel ħuġġieġa kbira. Jibqgħu imma, ifakkruna f'dik il-ħeġġa li kellhom dawk niesna ta' ilu lejn dak kollu li kien jorbothom mar-Reliġjon Mqaddsa tagħna.*

### Referenzi

Bezzina, J. (2002): *L-Istorja tal-Knisja f'Malta*, Malta.
Bonnici, A. (1968): *History of the Church in Malta*, Vol II, Malta.
Bonnici, A. (1993) *'Il-Mosta fl-ewwel żmien tal-Parroċċà, Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard Programm tal-Festa'.*
Bonnici, A. (1994): *'Il-Mosta ta' l-1794: fi ftuħ il-Parrokat ta' Dun Ġużepp Farrugia', Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard Programm tal-Festa.*
Borg, V. (1983): *Marian Devotions in the Islands of St. Paul (1600-1800)*, Malta.
Hallett, P.E., *Catholic Dictionary*, Addis and Arnold's.
Mangion, F. (1972): *'Il-Fratellanzi' fi Vella, E.B., et. al., Storja tal-Mosta*, Malta.
Mangion, F. (1974): *'Il-Fratellanzi f'Malta u fil-Mosta', Il-Mosta*, Nru. 58.
Salomone, E. W. (1911): *Musta its memories and charms*, Rochdale.